**104. Il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, l-Onor. Ċensu Galea ppropona:**

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità Marittima ta' Malta għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Ottubru 1999 sat-30 ta' Settembru 2000, skond l-Att XVII tal-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta.

Illi wkoll skond l-istess Att tal-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta l-Kamra tapprova bħala estimi supplimentari dak l-infiq għas-sena finanzjarja 1998/1999 li hu stmat mill-Awtorità Marittima ta' Malta li se jeċċedi l-ammont totali ta' nfiq approvat mill-Kamra għall-istess sena kif jidher dettaljat fl-estimi għas-sena finanzjarja 1999/2000 taħt il-kolonni msemmija "*actual* 1998/1999".

26.10.99